SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

1 ta' Awwissu 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regolament (KE) Nru 1907/2006 (Regolament REACH) – Reġistrazzjoni, valutazzjoni u awtorizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi – Anness XVII – Restrizzjonijiet fuq il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi, taħlitiet u oġġetti perikoluż – Restrizzjonijiet dwar il-kadmju – Konċentrazzjoni massima fil-partijiet metalliċi ta' oġġetti ta' ġojjellerija u ta' imitazzjoni ta' ġojjellerija u aċċessorji għax-xagħar – Deroga – Brazzuletta tal-fidda datata mis-snin 1940 u li l-issaldjar tagħhom fih il-kadmju"

Fil-Kawża C-512/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-23 ta' Lulju 2024, fil-proċedura

BÁV Zrt.

vs

Budapest Főváros Kormányhivatala,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn N. Jääskinen, President tal-Awla, A. Arabadjiev (Relatur) u R. Frendo, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: L. Medina,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal BÁV Zrt., minn P. Balázs, ügyvéd,

– għall-Gvern Portugiż, minn H. Almeida, P. Barros da Costa u A. Cunha, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn K. Mifsud-Bonnici u K. Talabér-Ritz, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-entrata 23(10)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2007, L 136, p. 3, fil-ĠU 2008, L 141, p. 22 u fil-ĠU 2009, L 36, p. 84), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 494/2011 tal-20 ta' Mejju 2011 (ĠU 2011, L 134, p. 2, rettifika fil- ĠU 2011, L 136, p. 105). (iktar 'il quddiem ir-"Regolament REACH").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn BÁV Zrt. u l-Budapest Főváros Kormányhivatala (il-Prefettura tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) dwar id-deċiżjoni ta' din il-prefettura li permezz tagħha din tal-aħħar imponiet multa fuq BÁV talli qiegħdet fis-suq brazzuletta tal-fidda li l-issaldjar tagħha fih il-kadmju u pprojbixxiet it-tqegħid fis-suq ta' din il-brazzuletta.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament REACH

3 L-Anness XVII tar-Regolament REACH intolat "Restrizzjonijiet fuq il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi, taħlitiet u oġġetti perikoluży", huwa fformulat kif ġej:

" […]

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
[…]	[…]
23. Kadmju CAS Nru: 7440-43-9, KE Nru 231-152-8 u l-komposti tiegħu	[…] 8. Ma għandux jintuża f'fillers li jissaldjaw b'konċentrazzjoni daqs jew ogħla minn 0,01 % tal-piż. Fillers li jissaldjaw ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk il-konċentrazzjoni fil-kadmju (espressa bħala Cd metal) tkun daqs jew ogħla minn 0,01 % tal-piż. Għall-fini ta' dan il-paragrafu ssaldjar għandha tfisser it-taqgħid tekniku bl-użu ta' liegi u li jsir f'temperaturi ta' iktar minn 450 °C. 9. B'deroga, il-paragrafu 8 ma għandux japplika għal fillers li jissaldjaw użati f'applikazzjonijiet tad-difiża u tal-ajruspazju u għal fillers li jissaldjaw għal użati għal raġunijiet ta' sigurtà. 10. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, jekk il-konċentrazzjonijiet ikunu daqs jew ogħla minn 0,01 % tal-piż tal-metall fi: i) żibeġ metalliċi u komponenti metalliċi oħrajn biex issir il-ġojjellerija, ii) partijiet metalliċi ta' artikli ta' ġojjellerija u ta' imitazzjoni ta' ġojjellerija u aċċessorji għax-xagħar, inklużi: - Brazzuletti, ġiżirajjen u ċrieket, - Imsielet, - Arloġġi tal-idejn u affarijiet li jintlibsu mal-polz, - Labar tal-ilbies u pulzieri. 11. B'deroga, il-paragrafu 10 ma għandux japplika għall-artikli mqiegħda fis-suq qabel l-10 ta' Diċembru 2011 u ġojjellerija li għandha iktar minn 50 sena fl-10 ta' Diċembru 2011.
[…]	[…]

[…]"

Ir-Regolament (UE) Nru 494/2011

4 Il-premessi 1, 2, 3, 5 u 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 494/2011 tal-20 ta' Mejju 2011, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) fir-rigward tal-Anness XVII (Kadmju) (ĠU 2011, L 134, p. 2, rettifika fil-ĠU 2011, L 136, p. 105), jistabbilixxu:

"(1) Bir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Jannar 1988 dwar programm ta' azzjoni Komunitarju […] l-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tiġġieled it-tniġġis ambjentali mill-kadmju.

(2) Fit-tabella stabbilita fl-Anness XVII tar-[Regolament REACH] l-annotazzjoni 23 fiha restrizzjonijiet dwar l-użu u t-tqegħid fis-suq ta' kadmju f'taħlitiet u artikli.

(3) Il-kadmju u l-ossidu tal-kadmju huma kklassifikati bħala kategorija karċinoġena 1B u akut akkwatiku u tossiċità kronika tal-kategorija 1.

[…]

(5) Fl-2007 tlestiet il-valutazzjoni Ewropea tar-riskju tal-kadmju […] skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 212]. Fl-14 ta' Ġunju 2008 l-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-istrateġiji għat-tnaqqis tar-riskju għas-sustanzi Kadmju u ossidu tal-kadmju […], li rrakkomanda r-restrizzjoni tat-tqegħid fis-suq u l-użu tal-kadmju fi stikek tal-issaldjar u ġojjellerija.

(6) Il-Komunikazzjoni semmiet il-bżonn għal miżuri speċifiċi biex jiġu llimitati r-riskji mill-użu ta' stikek tal-issaldjar u mill-ilbies ta' ġojjellerija li fiha l-kadmju. Professjonisti u dilettanti jiġu esposti għal dħaħen tul il-proċess ta' ssaldjar. Il-konsumaturi li jinkludu tfal jiġu esposti għall-kadmju fil-ġojjellerija permezz ta' kuntatt mal-ġilda jew billi jilagħquh."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

5 Fit-13 ta' Settembru 2023, BÁV ippreżentat quddiem il-Budapest Főváros Kormányhivatala (il-Prefettura tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija) brazzuletta tal-fidda kif ukoll il-formola korrispondenti sabiex ikollha imbollar. Din il-prefettura wettqet analiżi ta' din il-brazzuletta permezz tal-ispettrometrija tal-fluworexxenza tar-raġġi X, li żvelat li l-kontenut ta' kadmju fl-issaldjar ta' din il-brazzuletta kien bejn 1 u 2 %.

6 Fis-26 ta' Settembru 2023, l-imsemmija prefettura wettqet spezzjoni uffiċjali fl-istabbiliment ta' BÁV u ordnat il-qbid tal-imsemmija brazzuletta, li kien espost bħala oġġett intiż għall-bejgħ b'irkant, sabiex isiru analiżijiet addizzjonali.

7 Permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Novembru 2023, il-Prefettura tal-Belt ta' Budapest iddikjarat li BÁV kienet poġġiet il-brazzuletta inkwistjoni fis-suq illegalment u konsegwentement ikkundannatha għal multa ta' 150 000 forint Ungeriż (HUF) (madwar EUR 370). Hija ordnat ukoll ir-rilaxx mill-qbid ta' din il-brazzuletta u l-konsenja tagħha lil BÁV jew lir-rappreżentant awtorizzat tagħha, filwaqt li pprojbixxiet it-tqegħid tagħha fis-suq. Din il-prefettura bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li l-kontenut ta' kadmju tal-imsemmija brazzuletta kien jaqbeż il-limitu ta' 0.01 % tal-piż, stabbilit fl-entrata 23 tal-Anness XVII tar-Regolament REACH, u li l-paragrafu 8 ta' din l-entrata jipprojbixxi l-użu jew it-tqegħid fis-suq tal-fillers li jissaldjaw li kontenut ta' dan l-element huwa ogħla minn dan il-limitu.

8 BÁV ippreżentat rikors intiż b'mod partikolari għall-annullament ta' din id-deċiżjoni quddiem il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), li hija l-qorti tar-rinviju, billi sostniet, essenzjalment, li l-Prefettura tal-Belt ta' Budapest naqset li tosserva l-paragrafi 8 sa 11 tal-entrata 23 tal-Anness XVII tar-Regolament REACH, billi ma wettqitx investigazzjoni intiża sabiex tiġi ddeterminata l-antikità tal-brazzuletta inkwistjoni fil-kawża prinċipali u d-data tat-tqegħid tagħha fis-suq, minkejja d-dikjarazzjoni ta' BÁV li l-ġojjell kien datat mis-snin 1940. Din il-kumpannija tqis li l-ġojjellerija mmuntata minn issaldjar ma għandhiex titqies bħala fillers li jissaldjaw u ma jistgħux jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8 ta' din l-entrata. F'dan ir-rigward, hija ssostni li huwa l-paragrafu 10(i) tal-imsemmi punt li huwa rilevanti għal ċerti

kategoriji ta' oġġetti, fosthom l-oġġetti ta' ġojjellerija. Fil-fatt, dan il-paragrafu jipprevedi li tali oġġetti ma jistgħux jintużaw jew jitqiegħdu fis-suq jekk il-kontenut tal-kadmju tagħhom jaqbeż 0.01 % tal-piż. Madankollu, din id-dispożizzjoni għandha tinqara flimkien mal-paragrafu 11 tal-istess entrata 23 li jipprevedi deroga applikabbli għall-oġġetti mqiegħda fis-suq qabel l-10 ta' Diċembru 2011 kif ukoll għall-ġojjellerija ta' iktar minn 50 sena fl-10 ta' Diċembru 2011.

9 Il-Prefettura tal-Belt ta' Budapest issostni, essenzjalment, li, minħabba l-effetti dannużi tal-kadmju fuq l-integrità fiżika u fuq is-saħħa, il-leġiżlatur tal-Unjoni, sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament REACH, jipprojbixxi b'mod ġenerali t-tqegħid fis-suq tal-fillers li jissaldjaw li fihom konċentrazzjoni mhux awtorizzata ta' kadmju u li jistgħu jinsabu f'oġġetti mhux imsemmija fid-derogi previsti fl-entrata 23(9) tal-Anness XVII ta' dan ir-regolament. Ir-regoli previsti fil-paragrafi 10 u 11 ta' din l-entrata huma relatati mal-livell ta' konċentrazzjoni tal-kadmju fil-liegi tal-metall tal-oġġetti u fl-elementi l-oħra tagħhom tal-metall, distinti mill-fillers li jissaldjaw u ma humiex rilevanti f'dan il-każ.

10 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-espressjoni "komponenti metalliċi oħrajn biex issir il-ġojjellerija" li tinsab fl-entrata 23(10)(i) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH. B'mod iktar preċiż, hija tixtieq tkun taf jekk il-filler li jissaldja tal-ġojjellerija li huwa s-suġġett tal-kawża prinċipali jistax jitqies bħala "komponent" jew jekk huwiex eskluż minn dan il-kunċett, f'liema każ id-deroga prevista fil-paragrafu 11 ta' din l-entrata ma tkunx applikabbli.

11 Skont din il-qorti, il-paragrafu 10 tal-imsemmija entrata jikkostitwixxi regola speċjali meta mqabbel mal-paragrafu 8 tal-istess punt, b'tali mod li, skont il-prinċipju *lex specialis derogat legi generali*, din ir-regola tipprevali fuq ir-regola ġenerali. Minn dan isegwi li l-fillers li jissaldjaw jistgħu jiġu inklużi fil-kunċett ta' "komponenti metalliċi oħrajn biex issir il-ġojjellerija". Din l-interpretazzjoni tippreżerva s-sens tad-deroga prevista fl-entrata 23(11) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH dwar il-ġojjellerija li għandha iktar minn 50 sena, bħall-brazzuletta inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija ddatata mis-snin 1940. L-imsemmija qorti tirrileva wkoll li, fil-każ ta' oġġetti tal-metall prezzjuż, il-kwantità ta' kadmju eventwalment preżenti fil-materjal ta' ssaldjar tikkostitwixxi parti insinjifikattiva tal-piż totali tal-ġojjell.

12 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tosserva li, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-leġiżlatur tal-Unjoni għamel ir-regoli dwar il-kadmju iktar stretti, minħabba n-natura tossika, probabbilment karċinoġenika, tiegħu.

13 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-kunċett ta' 'komponenti metalliċi oħrajn biex issir il-ġojjellerija' li jinsab fil-punt (i) tal-paragrafu 10 tal-entrata 23, li tikkorrispondi għall-entrata tas-sustanza msejjħa kadmju, fl-Anness XVII tar-[Regolament REACH) fis-sens li jinkludi fih ukoll il-fillers li jissaldjaw?"

Fuq id-domanda preliminari

14 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita permezz tal-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Minn din il-perspettiva, jekk ikun il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tirriformula d-domandi

magħmulin lilha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompitu li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li għandhom bżonn il-qrati nazzjonali sabiex jiddeċiedu fuq tilwim quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jkunux indikati espressament fid-domandi li jkunu indirizzati lilha minn dawn il-qrati (sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, K.H.K. (Preżervazzjoni tal-kontijiet), C-555/18, EU:C:2019:937, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeduċi mill-elementi kollha prodotti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tal-imsemmi dritt li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali (sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, K.H.K. (Preżervazzjoni tal-kontijiet), C-555/18, EU:C:2019:937, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 F'dan il-każ, minn dawn l-elementi jirriżulta li l-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux fuq il-punt dwar jekk il-brazzuletta inkwistjoni taqax taħt l-entrata 23(8) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH jew jekk taqax taħt il-paragrafu 10 ta' din l-entrata, f'liema każ din il-brazzuletta tista' taqa' taħt id-deroga prevista fil-paragrafu 11 tal-imsemmija entrata.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li, permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-paragrafi 8 u 10 tal-entrata 23 tal-Anness XVII tar-Regolament REACH għandhiex tiġi interpretata fis-sens li brazzuletta tal-fidda li l-issaldjar tagħha jkun fih il-kadmju tistax taqa' taħt il-paragrafu 8 ta' din l-entrata jew għandhiex titqies li tista' taqa' taħt il-paragrafu 10 tal-imsemmija entrata.

18 F'dan ir-rigward, l-entrata 23(8) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH tipprevedi, fit-tieni subparagrafu tagħha, li l-fillers li jissaldjaw ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jekk il-konċentrazzjoni tagħhom ta' kadmju (espressa bħala metall Cd) tkun ogħla jew ugwali għal 0.01 % tal-piż. Konformement mat-tielet subparagrafu ta' din l-entrata 23(8), għall-fini ta' dan il-paragrafu, "issaldjar" għandu jfisser it-tagħqid tekniku bl-użu ta' liegi u li jsir f'temperaturi ta' iktar minn 450°C.

19 Kif irrilevat il-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni, imqiegħda fil-kuntest tal-premessa 6 tar-Regolament Nru 494/2011, hija intiża sabiex tirregola l-kontenut tal-kadmju ta' "stikek tal-issaldjar" sabiex jiġu protetti l-utenti professjonali u d-dilettanti li huma esposti għal fwar waqt il-proċess ta' ssaldjar.

20 Fir-rigward tal-entrata 23(10) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH, din tipprevedi li ma jistgħux jintużaw jew jitqiegħdu fis-suq jekk il-konċentrazzjoni tal-kadmju tkun ta' 0.01 % jew iktar f'termini ta' piż tal-metall, minn naħa, il-perli tal-metall u l-komponenti l-oħra tal-metall użati fil-manifattura tal-ġojjellerija u, min-naħa l-oħra, il-partijiet metalliċi ta' oġġetti ta' ġojjellerija u ta' imitazzjoni ta' ġojjellerija u aċċessorji għax-xagħar, inklużi, b'mod partikolari, il-brazzuletti.

21 Din id-dispożizzjoni hija intiża, essenzjalment, kif jirriżulta mill-premessa 6 tar-Regolament Nru 494/2011, sabiex tipproteġi lill-konsumaturi mir-riskji assoċjati mal-ilbies ta' ġojjellerija li fiha l-kadmju, jiġifieri, l-espożizzjoni għal dan l-element kimiku permezz tal-ġilda jew billi jilgħaquh.

22 F'dan il-każ, mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li BÁV offriet għall-bejgħ brazzuletta tal-fidda li l-issaldjar tagħha fih il-kadmju.

23 Tali brazzuletta ma tistax titqies li hija “filler li jissaldja”, fis-sens tal-entrata 23(8) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH, sa fejn din ma hijiex intiża sabiex tintuża bħala tali filler fil-kuntest tal-“issaldjar”. Għaldaqstant, din il-brazzuletta ma tistax taqa’ taħt il-projbizzjoni prevista f’din id-dispożizzjoni.

24 Min-naħa l-oħra, tali brazzuletta tista’ taqa’ taħt il-projbizzjoni prevista fl-entrata 23(10)(ii) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH.

25 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li, peress li, konformement mad-definizzjoni tal-kunċett ta’ “ssaldjar” li jinsab fl-entrata 23(8) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH, il-fillers li jikkostitwixxu l-issaldjar tal-istess brazzuletti huma inkorporati f’tali ġojjell waqt it-tagħqid tiegħu permezz ta’ dan il-proċess, dawn għandhom jitqiesu bħala “partijiet metalliċi [ta’] brazzuletti”, fis-sens tal-entrata 23(10)(ii) tal-Anness XVII ta’ dan ir-regolament.

26 Min-naħa l-oħra, il-brazzuletta inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi oġġett tal-ġojjellerija li jista’ jintlibes u għalhekk potenzjalment jesponi lill-konsumaturi, permezz tal-ġilda jew billi jilagħquh, għar-riskji assoċjati mal-ilbies ta’ ġojjellerija li fihom il-kadmju, li l-entrata 23(10)(ii) tal-Anness XVII tal-imsemmi regolament hija intiża li tipprevjeni.

27 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda preliminari għandha tkun li l-entrata 23(8) u (10) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH għandha tiġi interpretata fis-sens li brazzuletta tal-fidda li l-issaldjar tagħha fih il-kadmju taqa’ taħt il-projbizzjoni prevista fl-entrata 23(10)(ii) tal-Anness XVII ta’ dan ir-regolament jekk il-livell ta’ konċentrazzjoni tal-kadmju msemmi f’din id-dispożizzjoni jintlaħaq jew jinqabeż.

28 Minn dan isegwi li hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika qorti li għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-fatti, li għandha tiddetermina jekk, fid-dawl tad-data tal-manifattura tal-brazzuletta inkwistjoni fil-kawża prinċipali, din il-brazzuletta tistax taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-deroga prevista fl-entrata 23(11) tal-Anness XVII tar-Regolament REACH li jikkonċerna b’mod partikolari l-ġojjellerija ta’ iktar minn 50 sena fl-10 ta’ Diċembru 2011.

Fuq l-ispejjeż

29 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta’ kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) taqta’ u tiddeċiedi:

L-entrata 23(8) u (10) tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta’ sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 494/2011 tal-20 ta’ Mejju 2011,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

brazzuletta tal-fidda li l-issaldjar tagħha fih il-kadmju taqa' taħt il-projbizzjoni prevista fl-entrata 23(10)(ii) tal-Anness XVII ta' dan ir-regolament jekk il-livell ta' konċentrazzjoni tal-kadmju msemmi f'din id-dispożizzjoni jintlaħaq jew jinqabeż.

Firem